MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 6(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2012, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja |
| Kunsilliera | Steven Grech |
| | AngeloMicallef |
| | Stephen Caruana |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Bye-Laws
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Web-Site tal-Kunsill Lokali
8. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

*Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex tinbidel il-proċedura tal-laqgħa u jkunu jistgħu jiġu diksussi l-bye-laws qabel l-items li kien hemm fuq l-aġenda. Din il-proposta għaddiet b'vot unanimu mill-Kunsilliera preżenti*

**5 Bye-Laws**

Is-Sindku qal illi wara illi kien ingħata cans ta' erba' ġimgħat lill-pubbliku sabiex jifli l-abbozzi ta' bye laws li kien ħejja l-Kunsill Lokali kien wasal iż-żmien illi l-bye laws jiġu diskussi u approvati sabiex ikunu jistgħu jintbagħtu għall-osservazzjoni ta' l-awtoritajiet.

5.1 Is-Sur Edric Micallef għadda biex jaqra abbozz ta' bye law dwar *latrini pubbliċi fil-Lokalita' ta' Marsaxlokk*. Wara li ġie nnotat illi ma kien hemm ebda kumment mill-pubbliku fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet

b’mod unanimu, il-Kunsill approva l-bye law kkonnċernata li tinstab annessa u tagħmel parti minn dawn il-minuti.

*F’dan l-istadju daħal għal-laqgħa is-Sur Stephen Caruana (5:42p.m.)*

5.2 Is-Sindku għadda sabiex jaqra abbozz ta’ bye law *dwar remote controlled power boats, Aeroplanes u helicopters*. Wara diskussjoni qasira li matulha ġiet diskussa proposta li kienet saret minn resident, fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b’mod unanimu il-Kunsill approva l-bye law kkonċernata hekk kif modifikata. Din il-bye-law ukoll tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

5.3 Is-Sur Edric Micallef għadda imbagħad sabiex jaqra abbozz ta’ bye-law li l-Kunsill Lokali kien hejja *dwar karrijiet u oġġetti oħra ta’ imgombru* . Wara li ġew diskussi suġġerimenti li kien għadda il-pubbliku rigward dan l-abbozz, fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b’mod unanimu, il-Kunsill Lokali approva l-bye law hekk kif emendata. Din il-bye-law tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

5.4 Is-Sur Edric Micallef qara abbozz ta’ bye-law li l-Kunsill Lokali kien ħejja *dwar attivitajiet fil-beraħ*. Is-Sindku imbagħad għadda sabiex jaqra korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva dwar il-bye-law ikkonċernat ( li kienet tinkludi petizzjoni ffirmata minn diversi residenti) u wara li intleħaq qbil dwar xi tibdil fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, isskondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b’mod unanimu il-Kunsill Lokali approva il-bye-law hekk kif emendata. Din il-bye-law ukoll tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

1. **Qari tal-Minuti**

Minuti numru 5(2012) ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondat mis-Sur Steven Grech li għaddiet b’mod unanimu

**2 Arisings mill-Minuti**

Ma kienx hemm

**3 Korrispondenza**

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta’ e-mail datat 1 ta’ Lulju 2012, Reġjun Xlokk informa lill-Kunsilli Lokali rispettivi kif kienet ser titħaddem l-iskema ta’ ECO Wardens u talab lill-istess Kunsilli Lokali jispeċifikaw il-ħinijiet u l-ġranet illi matulhom xtaqu illi s-servizz ta’ ECO Wardens jingħata ġewwa l-lokalita’ rispettiva. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk kien talab illi s-servizz jingħata nhar ta’ Ħadd.

3.2 E-Mail datat 18 ta’ Ġunju 2012 li permezz tieghu is-Sindku, is-Sur Edric Micallef, ressaq kummenti f’isem il-Kunsilli Lokali ta’ Marsaxlokk, Birżebbuġa, Zejtun u Għaxaq għad-dokument ta’ konsultazzjoni rigward il-bidla tal-permess IPPC ta’ l-estensjoni tal-Power Station ta’ Delimara. Is-Sindku qal illi dawn il-kummenti kienu jirriflettu dakli dwaru kien informa lill-Kunsill Lokali fil-laqgħa preċendenti.

3.3 E-Mail datat 18 ta’ Ġunju 2012 mingħand is-Sa. Marthese Baldacchino li permezz tiegħu f’isem MEPA il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi l-ammont ta’ fondi għad-disposizzjoni tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk taħt l-Urban Improvement Fund kien jammonta għal €80 832.62.

3.4 E-Mail datata 27 ta’ Ġunju 2012 mingħand is-Sur Mario Attard indirizzata lil Transport Malta b’kopja lill-Kunsill Lokali rigward nuqqas li kien hemm fi Triq l-Avukat Carmelo Caruana. Permezz ta’ l-email is-Sur Attard informa lil TM illi fl-imsemmija triq wara li kien sar xogħol ta’ resurfacing kien tħalla kanal illi kien qiegħed joħloq periklu kemm għall-pedonali kif ukoll għas-sewwieqa.

3.5 Permezz ta’ e-mail datat 18 ta’ Ġunju 2012 is-Sur Josie Brincat, f’isem Transport Malta informa lill-Kunsill Lokali rigward *road hump* li kienet saret mingħajr il-permess ta’ l-istess awtorita’. Is-Sur Brincat għadda ritratti li kienu jindikaw l-allegat abbuż. Wara diskussjoni qasira ġie stabbilit illi r-*road hump* kienet tneħħiet mill-Kunsill Lokali u ma kien hemm ebda road hump oħra fl-istess triq. Għaldaqstant kellha tintbagħat e-mail lis-Sur Brincat li permezz tagħha tiġi ċċarata s-sitwazzjoni.

3.6 E-mail datat 8 ta’ Lulju 2012 mingħand is-Sinjura/ina Anne Psaila li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mitlub jikkunsidra l-installazzjoni ta’ speed camera fi Triq Marsaxlokk. Is-Sinjura/ina Psaila żiedet tgħid illi l-vetturi f’din it-triq kienu qiegħdin isuqu b’veolċita’ eċċessiva u kien hemm periklu serju illi jinħoloq inċident. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi din il-proposta ma kellhiex tiġi milqugħa.

3.7 E-mail datat 28 ta’ Ġunju 2012 mingħand is-Sinjura/ina Marcella Zahra minn Green MT rigward bring-in-sites fi Triq il-Wilġa. Is-Sinjura/ina Zahra infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntrattur responsabbli mill-iskart kien sab materjal mhux riċiklabbli mitfugħ ġewwa l-bring-in-sites. Wara diskussjoni qasira ġie stabbilit illi dan l-abbuż kien qiegħed jitwettaq b’mod regolari minn xi individwu/i illi kienu qiegħdin jitftgħu l-iskart abużivament fil-bring in sites. Għal dan il-għan kien hemm qbil illi tintbagħat e-mail lil Green MT sabiex tiġi evalwata l-possibilita’ illi l-iskips jibdew jingħalqu b’mod aħjar.

3.8 Ittra datata 6 ta’ Ġunju 2012 indirizzata lill-Perit Audrey Testaferrata de Noto li permezz tagħha il-Kunsill Lokali informa lil Transport Malta bil-problemi li kien hemm f’Xatt is-Sajjieda. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali talab lil Transport Malta tiggwidah dwar x’sistema ta’ traffiku u pparkjar għandha tiġi adottata f’Xatt is-Sajjieda sabiex jitnaqqsu l-problemi u l-inkonvenjenti li kien hemm f’din iż-żona tal-lokalita’.

3.9 Permezz ta’ e-mail datat 3 ta’ Lulju 2012, is-Sur John Farrugia talab lill-Kunsill Lokali sabiex jieħu azzjoni dwar il-ħmieġ li kien hemm fiż-żona tal-magħluq kawża ta’ caravans, kampijiet u skart ieħor li kien jitħalla min-nies. Wara li inqrat l-ittra ġie deċiż illi din il-problema kienet ser tiġi riżolta kemm il-darba jidħlu fis-seħħ il-bye-laws li kien qiegħed jipproponi l-Kunsill Lokali u kellha tintbagħat e-mail lis-sur Farrugia b’din l-informazzjoni.

3.10 Permezz ta’ ittra datata 20 ta’ April 2012, il-Kummissjoni Festa Esterna ta’ Marsaxlokk talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi bejn il-Ħamis 26 ta’ Lulju u l-Ħadd 29 ta’ Lulju 2012 fi pjazza Madonna ta’ Pompei ma jkunx hemm umbrelel, imwejjed u siġġijiet. Dan apparti illi jitneħħew l-iskips li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda bejn il-Ġimgħa 27 u l-Ħadd 29 ta’ Lulju 2012. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibgħat ittra lis-sidien ta’ l-istabbilimenti ta’ Xatt is-Sajjieda sabiex jitneħħew l-iskips flimkien ma’ ittra oħra lis-sidien ta’ stabbilimenti fi Pjazza Madonna ta’ Pompei sabiex jitneħħew l-imwejjed, siġġijiet u umbrelel fil-ġranet mitluba wara l-5:00p.m.. Ġie deċiz illi kopja ta’ l-ittra kellha tintbagħat lill-pulizija u lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet.

3.11 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Ġunju 2012, is-Sur Victor Carachi, president tal-General Workers Union talab lill-Kunsill Lokali jikkunsidra illi jestendi l-ħinijiet tas-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd sa' l-4:00p.m. minflok sat-3:00p.m. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi din it-talba ma kelliex tiġi milqugħa u l-Kunsill Lokali għandu jibqa' mad-deċiżjoni oriġinali li kien ħa.

3.12 Permezz ta' ittra datata 16 ta' Lulju 2012, is-Sinjura/ina Josephine Bugeja talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex tkun tista' toganizza kors ta' krafts għat-tfal għall-perjodu tas-sajf. Wara li inqrat l-ittra u ġie evalwat il-kontenut, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun qiegħed jintalab ħlas lill-istudenti, il-Kunsill ma ghandux jaqbel illi l-korsijiet jittellgħu ġewwa l-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, it-talba tas-Sinjura/ina Bugeja ma setgħetx tiġi milqugħa.

3.13 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Lulju 2012, is-Sur Ronald Attard Pullicino minn Transport Malta irrefera għall-email li kien bagħat il-Kunsill Lokali rigward problema li kienet qiegħda tinħoloq f'Xatt is-Sajjieda meta jieqfu vetturi ta' Arriva, Open top buses u t-trackless train. Il-Kunsill Lokali kien ippropona illi jinbidel id-*drop off* u *pick up point* ta' l-open top buses. Is-Sur Attard Pullicino filwaqt li informa lill-Kunsill Lokali illi Transport Malta kienet taqbel mal-proposta, ippropona illi l-open top buses jibdew jieqfu f'sit identifikat fi Triq il-Wilġa. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b'mod unanimu kien hemm qbil illi għandu jiġi propost illi l-open top buses jieqfu fi Triq il-Wilġa iżda f'sit differenti minn dak identifikat minn Transport Malta. Fl-istess waqt kellha tiġi evalwata l-possibilita' illi t-trackless train ukoll jinbidlilha d-drop off u pick up point u din tibda' tieqaf fi Triq il-Wilġa (faċċata ta' banka tal-lottu).

3.14 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Ġunju 2012, is-Sur Charles Bugeja talab lill-Kunsill Lokali jintervjeni sabiex tiġi riżolta problema li kienet qiegħda tinħoloq lis-sewwieqa minn traffic calmer li kien hemm fi Triq l-Arznell u li kienet f'sitwazzjoni ħażina ħafna. Wara diskussjoni qasira is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet intbagħtet ittra lil Transport Malta sabiex isir il-bini mill-ġdid tal-parti in-kwistjoni ta' Triq l-Arznell. Dan peress illi fl-istess żona kien sar xogħol ta' manutenzjoni diversi drabi.

3.15 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Ġunju 2012, is-Sur Noel Bugeja f'isem l-għaqda mużikali Pompei talab lill-Kunsill jevalwa l-possibilita' illi Triq il-kajjik tingħalaq għat-traffiku nhar is-Sibt 28 u l-Ħadd 29 ta' Lulju 2012. Kien hemm qbil unanimu illi din it-talba kellha tiġi milqugħa.

3.16 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Lulju 2012 indirizzat lill-Onor Jason Azzopardi u lill-Onor Mario Demarco, l-avukat Jan-Karl Farrugia għan-nom ta' GRTU informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess GRTU ma kenitx taqbel mal-proposta illi l-bejjiegħa tas-suq ta' fost il-ġimgħa jarmaw il-posti tagħhom fuq in-naħa tal-karreġġjata f'Xatt is-Sajjieda. Dan peress illi tkun qiegħda tinħoloq problema lis-sidien ta' l-istabilimenti fl-istess żona.

3.17 Permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2012, is-Sinjura Antonia Azzopardi talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex tkun tista' tagħti lezzjonijiet ta' bizzilla ġewwa l-bini ta' l-istess Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi kemm il-darba is-Sinjura Azzopardi kienet ser tagħti l-lezzjonijiet mingħajr ħlas il-Kunsill Lokali ma kellu isib ebda oġġezzjoni. Għall-kuntrarju, jekk l-istudenti kienu ser jintalbu jħallsu għal-lezzjonijiet il-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' din it-talba.

3.18 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2012, is-Sur Angelo Baldacchino, f'isem l-Għaqda Mużikali Pompei ippropona illi tittella' attivita' muzikali bi sħab bejn il-Kunsill Lokali u l-Għaqda Mużikali Pompei. Is-Sur Baldacchino ippropona illi l-attivita' issir nhar il-Ħamis 26 ta' Lulju 2012 sabiex tkun qrib il-festa tal-lokalita' u tkun tinkludi programm strumentali/vokali u kellha tinkludi talent lokali flimkien ma' artisti minn lokalitajiet oħra. Wara diskussjoni libera li matulha ġiet diskussa l-attivita' fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill qabel illi għandu jissieħeb ma' l-għaqda imsemmija sabiex tittella' l-attivita' bi spiża massima mill-Kunsill Lokali li ma kelliex taqbeż is-€600 ( sitt mitt ewro).

3.19 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Ġunju 2012, is-Sna. Jane Simpson għaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni u żviluppi rigward il-proġett *Marenostrum*. Fil-fatt b'konnessjoni ma' żjarat li kienu ser isiru minn ġurnalisti eċċ ġewwa l-lokalita', is-Sna. Simpson infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien irnexxielha tikseb xi *sponsorships* mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu. Is-Sna Simpson għaddiet ukolll informazzjoni rigward x'kien ser iseħħ waqt iż-żjara tal-persuni kkonċernati. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jappoġġja din l-inizjativa sakemm ma jkun hemm involut ebda infiq min-naħa ta' l-istess Kunsill Lokali.

3.20 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Mejju 2012, is-Sur Edric Micallef, f'isem il-Kunsill Lokali kiteb lill-perit Charmaine Cutajar mill-WSC, sabiex jinfurmaha bl-iżviluppi li kien hemm rigward xogħol ta' resurfacing f'parti minn Xatt is-Sajjieda. Minbarra illi qal illi kien hemm bzonn illi tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid u għaldaqstant il-WSC kienet qiegħda tintalab tirrevedi l-bills of quantities, is-Sur Micallef talab lill-istess WSC tevalwa l-possibilita' illi sakemm jitkomplew ix-xogħolijiet jingħata cold asphalt temporanju fil-parti li kien leħaq inbeda x-xogholijiet fuqha. Is-Sindku qal, illi b'riżultat ta' dan l-email kien ġie infurmat illi l-WSC kienet iddeċidiet illi tagħti widen għall-ilment tal-Kunsill Lokali u kien ser isir asfalt temporanju f'Parti minn Xatt is-Sajjieda.

3.21 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Ġunju 2012, f'isem Transport Malta, il-Perit Audrey Testaferrata de Noto infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-edge line li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda kien sar skond il-permess tal-MEPA. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali ġie mħeġġeġ sabiex jitlob l-għajnuna tal-gwardjani lokali u l-pulizija sabiex tiġi riżolta parti minn din il-problema. Wara diskussjoni libera dwar din il-materja kien hemm qbil illi għandha tinstab il-korrispondenza kollha relatata ma' dan il-każ sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni aħjar.

3.22 Permezz ta' ittra datata 8 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill Lokali informa lis-Sur Iman Schembri f'isem il-*Government Property Division* illi wara illi l-Kunsill kien ressaq talba sabiex sqaq eżistenti jinbidel fi triq li minnha jgħaddu l-vetturi minn Triq iż-Żejtun għal Triq Barthelemy, kien sar kuntatt mas-sidien ta' l-art illi kien hemm bżonn tiġi esproprjata sabiex tinfetaħ it-triq. Fil-fatt is-sidien kienu infurmaw lill-Kunsill Lokali illi kienu lest illi jinnegozjaw mal-Gvern Ċentrali l-esproprjazzjoni ta' l-art in-kwistjoni. Il-Kunsill Lokali għaldaqstant talab sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-proċess ta' esproprjazzjoni jiġi avvjat.

## 4 <u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

4.1 Il-Perit Edric Micallef qal illi l-MEPA kienet approvat l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex isir mill-ġdid bandli fiż-żona tal-magħluq. Huwa żied illi l-Kunsill flimkien mal-Perit Marven Ellul kien ser jieħu ħsieb sabiex jinbdew il-proċeduri ħalli dan il-bandli ikun jista' isir.

4.2 Is-Sindku qal illi wara illi kienet intbagħtet korrispondenza lill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, l-istess awtorita' kienet estendiet il-permess eżistenti IPPC rigward l-estensjoni tal-*powerstation* ta' Delimara sa' Ġunju 2013.

4.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi Enemalta kienet ikkummissjonat impjanti li kellhom iservu sabiex jimmonitorjaw l-arja. Dan il-proċess kellu jsir għall-perjodu ta' sena. B'konnessjoni ma' dan il-monitoraġġ fuq il-bini tal-Kunsill Lokali kien twaħħal impjant illi kien qiegħed jimmonitorja l-arja ġewwa l-lokalita'.

4.4 Is-Sindku qal illi kienet inżammet laqgħa ma' l-Onor. Jason Azzopardi u ma' l-Onor Mario De Marco li matulha ġew diskussi diversi temi fosthom is-sitwazzjoni ta' Xatt is-Sajjieda u l-ftuħ ta'parti minn Triq Barthelemy. Is-Sur Micallef żied jgħid illi fost l-oħrajn issemmew il-kunflitt li kien hemm bejn transport Malta u s-sidien ta' stabbilimenti bi Transport Malta ma taqbilx ma' fatt illi l-*waiters* jaqsmu it-triq, is-suq fil-beraħ li jarma matul il-ġimgħa u l-masterplan li l-*Government Property Division* kienet qiegħda tieħu ħsieb għal Xatt is-Sajjieda.

## 6 Approvazzjoni ta' ħlaisjiet

Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 04/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 7. Web-site tal-Kunsill Lokali

7.1 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kien jinħtieġ illi jkollu web-site aġġornata. Huwa żied jgħid illi fil-passat kien ġie mqabbad individwu sabiex jiddisinja web-site għall-Kunsill Lokali. Minħabba l-fatt illi l-imsemmija web-site ma saritx skond kif kien mitlub mill-Kunsill l-individwu ippublika is-sit u ma baqax jagħmel updates. Kawża ta' dan l-informazzjoni li kien jinkludi dan is-sit kienet tmur lura għall-2006. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi kellha tintbagħat ittra lil MITA sabiex dan is-sit ikun jista' jingħalaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa kien iċċekkja rigward il-proċess li kellu jsir sabiex il-Kunsill Lokali ikollu sit tiegħu. Irriżulta illi kemm il-darba jiġi użat id-*domain* gov.mt, minbarra illi l-proċess kien jieħu fit-tul kien ser ikun hemm spejjeż konsiderevoli. Min-naħa l-oħra kemm il-darba jintuża *domain* ieħor il-proċess kien iqsar u bi spiża inqas. Wara diskussjoni libera ġie unanimament deċiż illi kemm il-darba ikun disponibbli l-indirizz tal-*web site* tal-Kunsill Lokali kellu ikun http://www.marsaxlokklc.com.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu kien wasal iż-żmien illi l-Kunsill Lokali jaġġorna ruħu maż-żminijiet u jikkomunika mar-residenti permezz tan-*network* soċjali *Facebook*. Kien hemm qbil unanimu illi dan kellu iseħħ u l-Kunsilliera qablu illi sabiex ma jkunx ta' piż fuq l-amministrazzjoni, dan ix-xogħol kellu isir minnhom stess.

## 8. Affarijiet oħra

8.1 Is-Sindku qal illi kellu diskussjonijiet ma' Dr. Ray Debono Roberts. Is-Sur Roberts kien qiegħed iwettaq xogħol b'konnessjoni mal-proġett *Marenostrum*. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fi studju antropoloġiku dwar il-lokalita' ta' Marsaxlokk u s-Sur Roberts offra lill-Kunsill Lokali ir-*rights for filming* għal spiża ta' €360 (VAT inkluż). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali kellu jidħol għal din l-ispiża u jkollu d-drittijiet fuq dan l-istudju.

8.2 Is- Sur Carmelo Bugeja qal illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet infurmatu illi l-*photocopy machine* li kellu l-Kunsill Lokali kienet fi stat ħażin tant illi diversi funzjonijiet ma' kienux qiegħdin jaħdmu. Saħanstira, kellu jitwaqqaf il-kuntratt li l-istess Kunsill Lokali kellu ma image systems minħabba l-fatt li ma kienux qiegħdin jinstabu parts sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa. Għal dan il-għan kienet qiegħda tinħass il-ħtieġa illi tinxtara *multipurpose machine* ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi sabiex dan ikun jista' jseħħ kien jinħtieġ illi tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet/offerti. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi għandu jingħata bidu għall-proċeduri sabiex tkun tista' tinxtara *multipurpose machine* ġdida.

8.3 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm il-ħtieġa illi l-Kunsill Lokali ikollu Sotto-Kumitat rigward l-infurzar tal-liġi. Dan bil-għan illi jkunu jistgħu jiġu segwiti materji li jaqgħu taħt dan is-settur. Is-Sur Micallef żied illi fl-opinjoni tiegħu dan is-sotto-kumitat kellu jkun iffurmat mis-Angelo Micallef, is-Sur Edric Micallef, is-Sinjura/ina Carol Fenech, is-Sur Angelo Baldacchino, is-Sur Lorry Schembri u s-sur Alfred Falzon. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi tintbagħat ittra lill-idividwi msemmija sabiex kemm il-darba ikunu interessati ikun jista' jiġi ffurmat is-sotto-kumitat ikkonċernat.

8.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu tabella illi kienet tinstab f'Xatt is-Sajjieda u li kienet tgħid illi nhar ta' Ħadd ma setgħux jgħaddu karozzi għal Triq il-Kavallerizza kienet żejda u fl-opinjoni tiegħu kellha titneħħa. Dan peress illi nhar ta' Ħadd fiż-żona ikkonċernata ikun armat is-suq fil-beraħ illi awtomatikament jagħlaq it-triq u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jgħaddu vetturi. Wara diskussjoni qasira fuq proposta ta' l-istess Edric Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b'mod unanimu kien hemm qbil illi t-tabella titneħħa.

8.5 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kien ġie avviċinat mis-sid ta' l-istabbiliment is-Sajjied sabiex isir mill-ġdid street lighting biswit il-binja tiegħu. Minn informazzjoni li kellu fis-sit kien hemm żewħ fanali illi kienu inqalgħu sabiex ikunu jistgħu isiru ix-xogħoljiet. Is-Sur Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb jara illi l-imsemmija fanali jerġgħu isiru. Kien hemm qbil unanimu illi dan kellu jseħħ.

8.6 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb illi jinħareġ fuljett sabiex jelenka l-ħidma li kienet saret matul l-aħħar xhur mill-Kunsill Lokali stess. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-fuljett tal-Kunsill għandu jitqassam fid-djar għall-aħħar ta' Settembru 2012 u l-amministrazzjoni kellha tieħu ħsieb illi jibda' jinġabar il-materjal li kien se rjiġi inkluż fil-fuljett imsemmi.

8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi funtana li kien hemm fi pjazza Madonna ta' Pompei kellha tintefa' kawża ta' problemi li kien hemm fil-konnessjonijiet ta' l-ilma. Sabiex terġa' tinxtegħel kien jinħtieġ illi ssir applikazzjoni għal meter ta' l-ilma. Għal dan il-għan il-Kunsillier Steven Grech kien għamel kuntatt mal-Perit Joseph Zerafa Boffa li kellu jieħu ħsieb japplika għall-meter ta' l-ilma illi mbagħad kellu jiġi devolut lill-Kunsill Lokali.

Il-laqgħa spiċċat fil-8:30p.m. u ġie aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Awissu 2012

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| *Data :* | |